# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum il-22 ta' Mejju, 2018.**

**Prim'Awla tal-Qorti Civili**
**Rikors Numru 1777/1999**

**L-Awtorita` tal-Artijiet**

**vs.**

**Dr Joseph Portelli Demajo**

**u**

**b'digriet tad-9 ta' Marzu, 2000, gie kjamat in kawza Joseph Aquilina bhala ekonomu tal-Arcisqof, Amministratur tal-beni tal-artijiet religjuzi diocesani kollha ta' Malta**

**u**

**b'nota tat-30 t'Ottubru, 2000, Vincent Ciliberti assuma l-atti tal-kawza bhala ekonomu ta' Monsinjur Arcisqof minflok Joseph Aquilina li miet fil-mori tal-kawza.**

Il-Qorti,

1.0. Illi a skans ta' dilungar inutili tirrileva s-segwenti:

1.1. Illi din il-kawza tirrigwarda kantina sitwata taht il-fondi 42 sa 46, Strada Stretta, il-Belt;

1.2. Illi skont sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Avukat Dottor John Pullicino** bhala **Kummissarju tal-Artijiet vs. Onorevoli Dottor Louis Galea *et***, datata l-**15 ta' Jannar, 1980**, (ara foll 1 *a tergo* u 6), l-istess qorti ordnat il-qsim tal-fondi indikati fil-paragrafu precedenti f'zewg (2) porzjonijiet – 'A' u 'B', (ara foll 12), u dan, a bazi ta' relazzjoni peritali tal-perit arkitett Carmel Falzon, (ara foll 11);

1.3. Illi l-porzjon 'A' gie assenjat lill-attur;

1.4. Illi l-porzjon 'B' gie assenjat lill-kjamat in kawza – li hu l-aventi causa tal-konvenut Portelli Demajo;

1.5. Illi a bazi tal-istess sentenza fuq indikata sar ukoll kuntratt ta' divizjoni li bbaza ruhhu fuq ir-relazzjoni peritali *de quo*, (ara foll 41);

1.6. Illi jirrizulta li l-kantina meritu tal-procedura odjerna kienet eskluza mid-divizjoni peritali fuq riferita, u konsegwentement kienet ukoll eskluza mid-decizjoni u mid-divizjoni in kwistjoni u konsegwentement, ma intqal xejn dwar l-imsemmija kantina fl-istess;

1.7. Illi l-attur allura jsosstni li l-kantina in dizamina hi fi stat indiviz;

1.8. Illi fl-udjenza datata t-8 ta’ Marzu, 2002, gie appuntat perit tekniku biex jirrelata fir-rigward, (ara foll 76);

1.9. Illi l-perit tekniku sosstituttiv li eventwalment kien nominat minflok dak precedenti ipprezenta r-relazzjoni tieghu fir-Registru ta’ din il-qorti fil-15 ta’ Settembru, 2010, (ara foll 119);

1.10. Illi fl-udjenzi tal-24 t’Ottubru, 2017, u tas-7 ta’ Dicembru, 2017, il-partijiet, tramite l-abbli rapprezentanti taghhom, infurmaw lill-qorti li kien gie konkluz kuntratt bejn il-partijiet, (ara foll 307), u ghalhekk, kien hemm transazzjoni fuq il-mertu tal-kawza *de quo*, (ara foll 308);

1.11. Illi konsegwentement fl-istess udjenza tas-7 ta’ Dicembru, 2017, l-abbli rapprezentanti legali fuq riferiti talbu wkoll li jittrattaw il-kaz limitatament fuq il-kap tal-ispejjez, (ara foll 308);

1.12. Illi in vista tal-premess laqghet it-talba indikata fil-paragrafu precedenti u awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-procedura odjerna b’mod skritt fit-termini hemm indikati, (ara foll 308);

1.13. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-Awtorita` attrici datata l-1 ta’ Frar, 2018, (ara foll 309), flimkien man-nota ta’ sottomissjonijiet tal-intimat Portelli Demajo datata t-22 ta’ Marzu, 2018, (ara foll 314);

1.14. Rat id-digriet taghha datat il-5 t’April, 2018, (ara foll 318), li permezz tieghu, wara rikors appozitu tal-kjamata in kawza, datat l-4 t’April, 2018, awtorizzat lill-istess biex tipprezenta n-nota ta’ sottomissjonijiet taghha *nonostante*, it-tardivita` riskontrata;

1.15. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-kjamata in kawza *de quo* datata l-20 t’April, 2018, (ara foll 320);

2. Semghet ix-xhieda prodotta;

3. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

Ikkunsidrat:

4. Illi ghalhekk din id-decizjoni hi limitata ghall-epurazzjoni tal-kap tal-ispejjez biss;

5. Illi jirrizulta assodat li l-mertu tal-kawza odjerna gie ezawrit, (ara foll 307, 308 u 309), billi l-partijiet ikkonkludew kuntratt fir-rigward, datat is-26 ta' Frar, 2017, li permezz tieghu l-konvenut akkwista l-fond in kwistjoni, liema kuntratt pero`, ma giex esebit *in atti*, (ara foll 309);

6. Illi minn ezami tar-rizultanzi *in atti* jirrizulta li l-vertenza odjerna kienet reza necessarja minhabba l-fatt li l-konvenut kien qed juza l-fondi fuq riferiti numru 42 sa 46 fi Strada Stretta, meta fil-fatt hu kien akkwista biss parti mill-kantina in dizamina minghand il-Kurja tal-Arcisqof permezz ta' kuntratt datat id-9 ta' Dicembru, 1991, (ara foll 130);

7. Illi fir-relazzjoni peritali tieghu fuq riferita l-perit tekniku nominat mill-qorti biex jassistiha kien issottolinea s-segwenti:

> "Ghalhekk jirrizulta illi d-divizjoni originali bejn il-partijiet jew l-awturi taghhom kienet tikkoncerna l-blokk kollu ghajr il-kantina fil-kwistjoni. Ghal dawn ir-ragunijiet, salv merti legali jirrizulta illi l-kantina fil-kwistjoni ghadha komuni bejn is-sidien originali cioe` l-Kummissarju tal-Artijiet u l-kjamata Kurja tal-Arcisqof ghalkemm jirrizulta illi l-Kurja tal-Arcisqof **ttrasferit il-parti centrali tal-istess kantina** lill-konvenut Dr Portelli Demajo permezz tal-kuntratt tad-9 ta' Dicembru, 1991";

8. Illi in effetti fil-konkluzjonijiet tieghu l-istess perit tekniku jistabbilixxi fir-rigward li:

> "... l-parti centrali tal-kantina biss tifforma parti integrali mill-fond 44 akkwistat mill-konvenut .... minghand il-kjamata Kurja tal-Arcisqof", (ara foll 141);

Ikkunsidrat:

9. Illi in vista tal-premess, kif tirrileva l-Awtorita` attrici fic-citazzjoni promotrici taghha, l-kantina in dizamina hi fi stat indiviz bejn il-

partijiet izda, kienet qed tigi allura uzata abbuzivament u illegalment mill-konvenut Portelli Demajo;

Ikkunsidrat:

10. Illi fir-rigward, din il-qorti m'hi ser tghid xejn in vista tal-ftehim fir-rigward milhuq bejn il-partijiet;

11. Illi minkejja dan, xorta hi kostretta tindaga fir-rigward minhabba l-fatt li l-partijiet naqqsu li jiftehmu fuq il-kap tal-ispejjez;

Ikkunsidrat:

12. Illi jirrizulta assodat li l-Awtorita` attrici kienet kostretta tintavola l-procedura in kwistjoni minhabba l-fatt li l-konvenut kien qieghed jaghmel uzu esklussiv minn kantina li kienet fi stat ta' komunjoni u mhux proprjeta` esklussiva tal-istess konvenut;

13. Illi *di piu`*, li l-konvenut kellu biss parti mill-istess kantina u l-kumplament kien fi stat indiviz;

14. Illi in vista tal-premess ma thossx li ghandha ticcensura b'xi mod l-operat tal-Awtorita` attrici *stante* li kien effettivament id-dover taghha li tittutela l-proprjeta` pubblika u ma thallihiex tigi uzurpata privatament;

Ikkunsidrat:

15.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li l-Awtorita` attrici m'ghandiex tigi penalizzata ghaliex ghamlet id-dover taghha li tipprotegi l-proprjeta` pubblika fdata f'idejha, u konsegwentement:

**DECIDE:**

15.1. Tikkundanna lill-konvenut Dr. Joseph Portelli Demajo biex ihallas l-ispejjez kollha ta' din il-procedura;

15.2. Tillibera lill-Awtorita` attrici milli thallas l-ispejjez *de quo*;

15.3. Tiddikjara wkoll li l-kjamat in kawza l-ekonomu ta' Monsinjur Arcisqof, amministratur tal-beni tal-entitajiet religjuzi diocesani kollha ta' Malta hu wkoll liberat mill-osservanza ta' dan il-gudizzju f'dan ir-rigward.

_________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**